**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' April 2016**

Rikors Guramentat Nru. 94 / 14RGM

Kawza fil-lista: 16

**J Y**
**vs**
**B A**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici fl-14 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-14 ta' Jannar tas-sena 2012 civilment, u l-ebda tfal ma twieldu minn dan iz-zwieg;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment fil-25 ta' Frar tas-sena 2014, u dan permezz ta kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis;

3. Illi l-kunsens ta' l-intimat kien vizzjat b'difett serju ta'' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi inoltre, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, stante li l-partijiet eskludew il-possibilita li jkollhom tfal, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz odjern;

Ghaldaqstant u ghar-raguni fuq esposti, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-14 ta' Jannar 2012 huwa null u bla effett legali ai termini ta l-artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti jaqbel illi l-kontendenti zzewgu nhar 1-14 ta' Jannar, 2012 u li huma legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Timothy Ellis;

2. Illi l-esponent jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti kif ser jigi ppruvat fil-mori tar-rikors;

3. Illi rninghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga b'dan li huwa minnu li l-partijiet eskludew il-possibilita' li jkollhom l-ulied;

4. Ghaldaqstant l-esponent m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-attrici ppresentata fl-10 ta’ Lulju 2014 li maghha gie anness l-affidavit taghha;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta’ Frar 2015 fejn Dr Anne Marie Bisazza ghall-attrici, fuq domanda tal-Qorti, ddikjarat li l-azzjoni attrici hija primarjament insejsa fuq ir-raba’ premessa u ma hemmx insistenza fuq it-tielet premessa;

Rat in-nota tal-konvenut pprezentata fit-30 ta’ Marzu 2015 li maghha gie anness l-affidavit tieghu;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-15 ta’ Frar 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2016 meta l-Avukat Dottor Anne Marie Bisazza talbet li tigi ezentata milli tipprezenta nota tal-osservazzjonijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ April 2016;

Ikkunsidrat;

**Provi.**

L-attrici, fl-affidavit taghha, Fol. 15 u 16, ddikjarat li ltaqghet mal-konvenut f'bar f'Paceville f'Dicembru 2010 u wara regghet ltaqghet mieghu b'kumbinazzjoni f'Mejju tas-sena ta' wara. Bdew johorgu flimkien u wara xahar mar jghix ghandha, hi kellha 37 sena u hu kien 12 il-sena izghar u kellu 25 sena.

Hadet grazzja mieghu billi kien edukat u ta' familja tajba, dan kien importanti ghaliha billi minn relazzjoni precedenti kellha tifel li kellu 12 il-sena, u minhabba l-istess tifel riedet persuna decenti, li tkun qed tohrog mieghu. Wara sitt xhur il-konvent ipproponilha z-zwieg u hi accettat billi dan seta' jkun bidu gdid f'hajjitha " and also because my VISA from my previous marriage was expiring- I knew that if I married him my VISA would automatically be renewed".

Tiddikjara li rrealizzat li l-konvenut ried jizzewwigha mhux ghax kien jhobbha izda ghax kien jaf li jekk jghix maghha kienet ser tkun qed tmantnih. In fatti, immedjatament wara z-zwieg telaq l-impieg li kellu u tul iz-zwieg ghix minn fuq l-introjtu taghha. Kien anke qalilha li jekk hi ma jkollhiex flus kien jiddivorzjaha, u binha kien jwissiha li l-konvenut kien maghha ghal flusha.

Izzewwgu civilment fl-14 ta' Jannar 2012, u l-atteggjament tal-konvenut lejn l-attrici nbidel kompletament imedjatament wara z-zwieg. Sar agressiv u vjolenti tant li kellha taghmel rapport darbtejn l-Ghassa tal-Pulizija fil-Gzira; kien isawwatha u jobzqilha tant li l-konvivenza saret infern. Anke ma' binha beda jkun vjolenti. Wara z-zwieg kien jinghalaq fl-extra room u kien jqatta sieghat shah fuq il-laptop.

Meta kienet tavvicinah kien jwarrabha, jghajjarha kerha u kien jirrifjutha li jkun intimu maghha. Matul iz-zwieg ftit kien hemm intimita' bejniethom. Il-konvenut ma kienx ihalli lill-attrici tohrog mal-hbieb izda meta kienet tissugerixxi li johorgu flimkien kien dejjem jirrifjuta. Kien jipprettendi li hi dejjem tibqa' gewwa. Hassitha injorata, abuzata u abbandunata.

Qatt ma kien jiekol maghha u ma' binha izda kien jiekol wahdu quddiem il-computer. Qatt ma kellu hin ghaliha, saret hajja insopportabbli.

Irrealizzat li dan iz-zwieg ma kienx ser jirnexxi, ghall-ewwel kellha hsieb li tnehhi l-"birth control" biex tkun tista' jkollha familja, izda wara ftit ddecidiet li mal-konvenut ma kienx ghaqli li jkollha familja. Hu ukoll kien qalilha, meta s-sitwazzjoni bejniethom kienet ghadha accettabbli, li ma riedx tfal ghax kienu jdejquh u ghax deherlu li fl-eta' taghha ma kienitx l-ideali. Hi kkonfermat li minn mindu saret tafu ghal seba snin shah mis-6 ta' Dicembru 2007 u wara fl-1 ta' Frar 2011 kellha Mirena coil inserita f'gisimha, b'mod li ma kienx possibbli ghaliha li tinqabad tqila. Gie anness certifikat mediku b'konferma tal-istess.

Iz-zwieg taghhom ma damx aktar minn sentejn billi f'Novembru 2013 tant saret impossibli l-konvivenza mieghu, li bdiet il-proceduri ta' separazzjoni. Il-kuntratt ta' Separazzjoni bejniethom gie pubblikat minn Nutar Dottor Timothy Ellis fil-25 ta' Frar 2014. Minn dak in-nhar qatt ma kien hemm kuntatt bejniethom.

L-attrici tiddikjara li qed titlob li z-zwieg jigi dikjarat null minnhabba vizzju fil-kunsens da parti tal-konvenut, billi kien zwieg ta' konvenjenza u t-tnejn kompletament eskludew li jkollhom it-tfal.

Il-konvenut, fl-affidavit tieghu, Fol. 21 u 22, ikkonferma li ltaqa' mal-attrici f'San Giljan fil-bidu tas-sena 2010. L-attrici hi ta' nazzjonalita' Argentina u kienet tirrisjedi f'Malta billi kient izzewwget. Kienu ddivorzjaw u hi applikat ghall-Permanent Residence Scheme ghal persuni li ma humiex cittadini tal-Unjoni Ewropea. Wara li kienu ghal xi zmien jiltaqghu ftit okkazzjonijiet kull gimgha, bdew jikkoabitaw. Billi l-iskema ta' Non EU Residents nbidlet, u hi kienet ilha aktar minn sena li applikat, bdiet issir anzjuza ghax hasbet li ma kienitx tissodisfa ir-rekwisiti l-godda. F'dan iz-zmien ta' incertezza, wara xi sena ta' koabitazzjoni, hi harget bl-idea taz-zwieg. Iddiskutew is-sitwazzjoni u ddecidew li l-ahhjar soluzzjoni kienet li jizzewgu, altrimenti kien ikollhom jmorru pajjiz iehor, haga li t-tnejn xtaqu jevitaw.

Il-konvenut jghid li kieku ma inqalatx din l-problema ma kienux jizzewwgu billi hu kien jippreferixxi li ma jkunx mizzewweg. Pero' f'dawn ic-cirkostanzi partikolari ddecidew li kien ahjar li jizzewwgu biex b'hekk jigi evitat l-intrigu u t-tahbit biex wiehed jirriloka band'ohra. Iddecieda wara li ghadda r-referendum tad-divorzju, billi f'pajjiz fejn m'hemmx divorzju zgur li ma kienx jizzewweg. Hu jinsisti li kieku ma gewx faccati b'din il-problema, ir-relazzjoni taghhom kienu jirregolawha mod iehor.

Izzewwgu f'Malta fl-14 ta' Jannar 2012, damu sena u nofs jghixu flimkien sakemm iddecidew li jisseparaw. Meta kienu ghadhom flimkien qatt ma ddiskutew l-possibilita' li jkollhom tfal, billi l-attrici gia' kellha tifel minn relazzjoni precedenti, u huma kienu eskludew din il-possibilita' billi qabel iz-zwieg l-attrici ghamlet intervent fejn fiha gie inserit 'coil' li baqghet sakemm kienu ghadhom jikkoabitaw. F'kwalunkwe kas, il-konvenut ma kkonsidrax lill-attrici bhala l-omm ideali ta' uliedu, in vista tal-esperjenza precedenti taghha li effettwatha b'mod negattiv. Il-konvenut hass li kien ghadu kmieni f'hajjtu biex jibda jrabbi l-ulied.

Il-konvenut, fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, Fol 28 et seq. issottometta dwar l-Artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 li kemm l-attrici, kif ukoll hu stess dahlu ghal dan iz-zwieg 'b'mod mghaggel, immatur u minghajr ma hasbu verament fuq il-konsegwenzi tal-istess'. Skont il-konvenut dan juri nuqqas ta' diskrezzjoni li

kellhom il-partijiet fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali fil-hajja mizzewwga li jrendi l-istess zwieg null fil-ligi.

Dwar l-Artikolu 19(1) (f) l-konvenut ssottometta li rrizulta mill-provi li l-unika raguni li mmotivat lill-attrici li tizzewweg kienet li b'hekk issolvi l-problema li kellha tal-VISA. Dan ifisser li dan ma kienx zwieg mibni fuq l-imhabba, izda zwieg ta' konvenjenza. L-intenzjoni tal-attrici ma kienitx li tidhol f'relazzjoni dejjiema "ghalhiex fil-verita' kull ma riedet kien li tkun tista' tibqa' Malta minghajr ebda forma ta' problemi u xejn aktar." Il-konvenut, fl-istess nota ta' sottomissjonijiet ghamel referenza ghal diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna dwar iz-zwieg ta' konvenjenza, li dan jammonta ghal simulazzjoni, u jivvizzja il-kunsens moghti fiz-zwieg.

Il-konvenut fl-istess nota ghamel sottomissjonijiet dwar l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni tal-ulied fiz-zwieg. Hu ddikjara li mill-provi rrizulta li l-partijiet eskludew il-possibilita' li jkollhom l-ulied u kkonkluda hekk;

"Illi c-cirkostanzi f'dan il-kas jippuntaw car lejn zwieg li huwa null ukoll minhabba l-fatt li r-rikorrenti, minn qabel ma tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg kienet diga' mentalment disposta li ma tottemperax ruhha ma' wiehed mill-obbligi matrimonjali li huwa il-prokreazzjoni tal-ulied."

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet.**

Il-Qrati taghna, konstantement u konsistentement rritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku u bhala tali jimmerita s-salvagwardi neccessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li ghalkemm tnejn resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tinhtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-giudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn m' ahniex fil-kamp ta' xi kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u il-Qorti ma tistax thalli n-nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fiz-zwieg u meta jkollhom

siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din d-deskrizzjoni u jsiru mature. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubju."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** " deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' jannar 2006 intqal hekk:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal hekk:

" Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn hu ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett...... Ghall-Qorti n-nullita' hi haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."

Ikkunsidrat;

Fil-kas in ezami l-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg fit termini tal-Artikoli 19(1)(d) u 19 (1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Fuq domanda tal-Qorti fis-seduta tal-5 ta' Frar 2015, l-Avukat tal-attrici ddikjarat illi l-azzjoni attrici hija primarjament imsejjsa fuq ir-raba' premessa u ma hemmx insistenza fuq it-tielet premessa. It-tielet premessa tirreferi ghas-subincis(d), mentri ir-raba' premessa tirreferi ghas-subinciz f) tal-imsemmi Artikolu.

L-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 jipprovdi kif gej:

"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

-ommissis-

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta'diskrezzjoni ta'gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdil-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

- omissis –

(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."

In vista tal-verbal tal-5 ta' Frar 2015 il-Qorti ser tikkonsidra t-talba attrici bhala msejsa fuq ir-raba' premesa u cioe' dik imsejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255.

Mill-affidavit tal-attrici jirrizulta li meta l-konvenut dahal ghal dan iz-zwieg huwa ma kienx qed jikkonsidra x'kienu d-drittijiet u d-dmirijiet tieghu bhala mizzewweg. L-attrici tghid hekk:

" Looking back, I realize that B wanted to marry me not because he loved me but because he knew that living with me meant that I would be maintaining him. In fact, B quit his job right after we got married and lived off me throughout our marriage. He even told me that if I lose my money he would divorce me and my son used to constantly warn me that B was just using me for my money".

L-istess konvenut jammetti li zzewgu biss minhabba il-problema tal-Visa tal-attrici, u li hu ma jemminx fiz-zwieg. Hu jghid " I don't really see myself as a married man since I don't feel that marriage is a necessity in a relationship. There are other legal instruments to manage a relationship other than marriage and if we were not faced with such a dilemma regarding the possibility of relocating, I would have chosen another legal instrument to regularize our relationship and matters".

Dan ma jhalli l-ebda dubbju li l-konvenut, ghalkemm ippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa mill-bidu nett ma kellu l-ebda intenzjoni li jassumi u jonora l-obbligi naxxenti miz-zwieg. Ma kienx qed jikkonsidra x'kienu r-responsabiltajiet tieghu bhala mizzewweg, ex admissis ma jemminx fl-istitut taz-zwieg u kien qed jara biss il-vantagg ekonomiku, u minflok ma kkontribwixxa materjalment ghall-htigijiet tal-familja, malli zzewweg, telaq ix-xoghol li kellu u beda jghix esklusivament minn fuq l-attrici.

Dwar is-simulazzjoni u z-zwieg ta' konvenjenenza issir riferenza ghal dawn id-decizjonijiet. Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "**Lydia Musu' vs Dr Ian Spiteri Bailiey et** li rreferit ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**" deciza fl-10 ta' Ottubru 1995 u "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**" deciza fis-16 ta' Jannar 1998 il-Qorti kkummentat hekk;

“.....meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa Malta biex jahdem u eventwament jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed m’ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita ta’ intenzjoni, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifesta ukoll implicitament...... Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghal ghoti tal-kunsens matrimonjali u tinterprethom b’doza qawwija ta’ buon sens, biex tasal imqar sal-grad ta’probabbilita’, li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva imsemmija.”

Fil-kawza odjerna kemm l-attrici kif ukoll l-konvenut f’din l-kawza ddikjaraw espressament li zzewgu biex jevitaw rilokazzjoni go pajjiz iehor billi l-Visa tal-attrici kienet ser tiskadi.

L-attrici xehdet hekk;

“.....my Visa from my previous marriage was expiring- I knew that if I married him my Visa would automatically be renewed.”

Fid-dawl tal-provi migjuba l-Qorti hi tal-fehma li ghall-attrici dan kien zwieg ta’ konvenjenza li kien ser isolvilha l-problema tal-permanenza taghha hawn Malta. Filwaqt li min-naha ghandna l-konvenut li ma kellu l-ebda intenzjoni li jassumi l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta’ ragel mizzewweg, ghandna min-naha l-ohra lill-attrici illi wara ftit xhur li kienet saret taf lill-konvenut gieta l-opportunita’ li tassigura ruhha minn permess sabiex tibqa’ tirrisjedi hawn Malta.

Ikkunsidrat;

Il-partijiet ghamlu wkoll sottomissjonijiet dwar l-eskluzzjoni tal-prokreazzjoni tal-ulied fiz-zwieg, fis-sens li din tivvizzja il-kunsens. Irrizulta in fatti mill-provi, li sa minn qabel iz-zwieg sakemm baqghu jikkoabitaw, ma kienx possibbli ghall-attrici li tinqabad tqila, billi kif konfermat mic-certifikat mediku anness mal-affidavit taghha, kellha ‘coil’ inserita f’gisimha li tipprekludiha milli tohrog tqila. Pero’ dan ma sarx ad insaputa tal-konvenut, li da parti tieghu kien perfettament ghall-kurrent u kien jaderixxi billi anke hu ma xtaqx li jkollhom tfal. Naturalment is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku l-attrici bi frodi u ingann, ghamlet dan minghajr ma infurmat lill-konvenut.

Kif kellha okkazzjoni tikkummenta din l-istess Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet “ John Carabott vs Marthese Carabott Abdilla” deciza fid-29 ta’ Ottubru 2015 trid issir distinzjoni bejn iz-zwieg religjuz u z-zwieg civili. F’din d-decizjoni ntqal hekk:

“Fil-fehma tal-Qorti zwieg civili celebrat bir-rit kontemplat fil-Kapitolu 255 (Att Dwar iz-Zwieg 1975) ma hux null fuq il-pretest li l-partijiet jkunu minn qabel iddecidew li ma jkollhomx tfal. Zwieg civili ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-konjugi illi ghandhom jidhlu ghaz-zwieg bil-hsieb li jkollhom it-tfal. Jekk min qabel ma jizzewwgu l-partijiet jaghmluwha cara li ma jridux ulied, anke jekk ma hemm l-ebda impediment biologiku ghal dan, iz-zwieg civili hu perfettament validu. Naturalment dak hawn dikjarat japplika biss ghaz-zwieg civili, u bl-ebda mod ma ghandu jigi interpretat li jista’ japplika ghaz-zwieg religjuz tal-partijiet li zzewwgu ukoll bir-rit Kattoliku.

Ghalhekk mhux eskluz l-eventwalita’ li jkun hemm zwieg li jista’ jkun null taht il-Ligi Kanonika izda mhux null taht il-Ligi Civili. Dan japplika illum aktar minn qabel fejn iz-zwieg Religjuz Kattoliku huwa kkonsidrat mill-Ligi Kanonika bhala wiehed indissolvibbli, fil-waqt li zwieg civili regolat bil-kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa soggett li jigi mahlul permezz ta’ divorzju li sabiex jigi pronunzjat ma jehtieg l-ebda dikjarazzjoni ta’ htija”.

Jibqa’ l-fatt pero’ illi kif dikjarat supra hija l-konkluzzjoni ta’ din il-Qorti illi l-kunsens sew tal-attrici kif ukoll tal-konvenut kien ivvizzjat peress li fil-mument taz-zwieg kienu qed jeskludu pozittivament iz-zwieg innifsu.

**Decide.**

Il-Qorti ghalhekk qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ parzjalment it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li z-zwieg celebrat mill-partijiet fl-14 ta’ Jannar 2012 huwa null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**